MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Talba Numru. 50/2013

**Stivala Wholesale Caterers Company Limited (C5356)**

**vs.**

**Riviera Resort Limited (C23519)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta’ elf disa’ mija u sitta u sittin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€1,966.92), mingħand is-soċjeta′ konvenuta – rappreżentanti bilanċ dovut għal merkanzija mibjugħa u kkonsenjata mis-soċjeta` attriċi lis- soċjeta′ konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll

bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra illi s-soċjeta` konvenuta permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru ta' dan it-Tribunal datata 7 ta' Marzu 2013 ammettiet it-talbiet attriċi u kkonfermat l-ammont mitlub mill-istess soċjeta` attriċi.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf disa' mija u sitta u sittin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€1,966.92), bl-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Ottubru 2011 kif mitlub, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Settembru 2012, huma a kariku tas-soċjeta′ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------